MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2021/2002

**Vodafone Malta Limited**
**vs**

**Papyrus Reprographic Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hdax-il lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm411.19) rapprezentanti sebgha u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm47.51) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 9974084, mija u erbgha u tletin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm134.88) minnhom bhala hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99474084 u mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm228.80) minnhom bhala hlas**

**ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99474084;**
**Minkejja interpellata sabiex thallas diversi drabi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz.**

**Ra li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2002, deher id-difensur tas-socjeta` konvenuta li ddikjara li qed jikkontesta t-talba.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Beppe Fenech Adami ghas-socjeta` attrici li kkonfemra li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi mid-dokumenti esebiti u l-konferma da parti tas-socjeta` attrici, jirrizulta li l-ammont pretiz ghadu dovut. Il-konvenut ma gabx provi dwar dak li qed jikkontesta.**
**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u hdax-il lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm411.19) bl-imghax legali mis-6 ta' Settembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------